**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-09 ta' Mejju, 2017

Talba Numru: 317/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 24

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS 1501**

**vs**

**Ualid Feysal Bayumi**
**(ID 0118574A)**
**123, Flat 4B**
**Triq Rodolfu,**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' elf, tlett mija tnejn u hamsin ewo u erbgha u erbghin centezmu (€1,352.44c) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' kommunikazzjoni maghrufa bhala 'On the Move' 12 GB Bundle u

'Limitless 25' rispettivament liema servizzi gew ipprestati mis-Socjeta' attrici lil-konvenut fuq l-akkonti li jgibu n-numru AC40480751 u AC40457326.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici is-somma ta' elf, tlett mija tnejn u hamsin ewo u erbgha u erbghin centezmu (€1,352.44c) bl-imghaxijiet legali mid-data l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**